MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 43/2007/1

**Dun Karm Gatt ID 321723M**
**Speranza Rosaria Gatt ID 678531M**
**Philip Gatt ID 534663M**
**Joseph Gatt ID 219258M**
**Paul Gatt ID 505064M**
**Carmelo Gatt ID 543859M**
**William Gatt ID 3709678M**
**Miriam Gatt ID 41061M**
**Alexandra Caruana ID 377866M**
**Theodora Portelli ID 686833M**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi l-esponenti gew avzati b'att gudizzjarju mill-intimat Direttur tal-Artijiet ghall-fini tal-Artiklu 22 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta u b'referenza ghall-Avviz numru 889 tal-Gazzetta tal-Gvern tad-9 t'Awissu 2004 ghax-xiri assolut bhala lineru u frank ta' bicca art f'Haz-Zebbug, Malta tal-kejl birka 178 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq l-Imdina, mill-Punent ta' Joseph Debono u ohrajn, u min-Nofisnha ma' proprjeta' ta' triq pubblika jew irjieh verjuri u li ghal din l-art l-Awtorita kompetanti qeghda toffri l-kumpens ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000) ekwivalenti ghal disgha u sittin elf tmien mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (Ewro69,881.20) u dan skond l-istima li hemm imsemmija fl-Avviz numru 888 li saret mill-Perit Arkitett Joseph Mizzi A&CE li kklasifikat l-art bhala wahda fabbrikabbli ai termini tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-istess att gudizzjarju l-intimat qed jinforma l-esponenti illi a bazi tal-parir legali tal-avukat Mark Refalo huwa sodisfatt ghandhom titolu li jaghtihom dritt li jircievu kumpens ghall-art imsemmija;

Illi l-intimat Direttur ta' l-Artijiet a bazi tal-parir ta' l-Avukat Mark Refalo jirrizulta illi l-art hija soggetta ghal cens perpetwu u ghalhekk intkom u cioe' l-esponenti sejrin jithallsu ta' l-utile dominum perpetwu ta' l-imsemmija art;

Illi skond l-istess intimat direttur tal-artijiet gibed l-attenzjoni ghall-fatt li parti minn din ,l-art hija koperta b'avviz ta' espropriju numru 889 tal-Gazzetta tal-Gvern tad-9 t'Awissu 2004, kif jidher car f'PD No 54/2001/1) li qed jigi anness u mmarkat mad-Dok A u li ghalkemm hemm kejl ta' art kif ukoll il-kumpens ta' ammont jridu jigu ridotti skond l-istess intimat;

Illi skond l-istess intimat, mill-istima tal-Perit Arkitett Joseph Mizzi A&CE datata 10 ta' Jannar 2005 il-kejl tal-art in kwistjoni, jigifieri dik immarkata bhala Plot A fuq il-pjanta annessa huwa ta' 53 metru kwadru u l-valur tal-Utile Dominum perpetwu ta' l-imsemmija art huwa stmat fl-ammont ta' hdax il-elf mitejn u sebghin liri Maltin (Lm11,270) ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf mitejn u

tnejn u hamsin u erba centezmu Ewro (Ewro 26,252.04), kif indikata f'Dok B ma' l-Att Gudizzjarju tal-intimat.

Illi skond l-intimat il-kumpens dovut ghandu jinqasam individwalment kif kalkolat u kif qed jinghad fuq parir legali ta' Dr. Mark Refalo;

Illi bil-prezenti l-esponenti qeghdin jikkontestaw dan il-kumpens u qeghdin jindikaw li filwaqt li l-ammont mhux wiehed gust qeghdin jippretendu bhala kumpens tpartit ta' art li ghandu l-Gvern u allura l-intimat Direttur tal-Artijiet, liema tpartit ghandu isir favur l-esponenti minghajr ma tithallas ebda forma ta' taxxa jew hlasijiet ohra mill-esponenti u dan qed isir skond dak indikat fl-artikolu 22 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjes;

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat li tghid:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 28 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur lilhom offrut mill-awtorita' kompetenti ta' hdax il-elf mitejn u sebghin liri Maltin (Lm11,270) ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf mitejn u tnejn u hamsin u erba centezmu Ewro (Ewro 26,252.04), ghax-xiri assolut bhala libera u franka ta' bicca art f'Haz-Zebbug, Malta tal-kejl ta' madwar 53 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana mill-Lvant u mill-Punent ma' proprjeta ta' Joseph Debono et u li hija mmarkata bhala Plot A fuq il-pjanta P.B. No. 54_2004_1 u qeghdin jippretndu l-kumpens ghandu jkun ta' tpartit ta' art li ghandu l-Gvern;

Ili s-subartikolu (6) tal-artikolu 22 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi illi fir-rikors prezentat mill-persuna li jkollha jedd ghall-kumpens ghandu jkun hemm indika tl-kumpens li fil-fehma tar-rikorrent huwa dovut u dana taht piena ta' nullita';

Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti ma specifikawx l-ammont minnhom pretiz bhala kumpens gust ghall-espropriazzjoni

fuq imsemmi u ghal din ir-raguni r-rikors ghandu jitqies bhala null skond l-imsemmi sub-artikolu;

Illi dan il-principju huwa msahhah u kkonfermat fil-proviso ta’ sub-artikolu (1) tal-artikolu 25 tal-Kap 88, fejn dan jistabilixxi li jrid ikun hemm propost lill-Bord ammont ghal kumpens dovut sabiex il-Bord ma jeccediex l-oghla ammont propost minn xi wahda mill-partijiet;

Illi l-esponent qieghed jibqa’ jsostni li l-valur gust ghall-porzjon ta’ art tar-rikorrenti huwa dak fuq citat u cioe’ ta’ sitta u ghoxrin elf mitejn u tnejn u hamsin u erba centezmu Ewro (Ewro 26,252.04), u dan skond l-istima tal-Perit Arkitett Joseph Mizzi A&CE li kklasifikat l-art bhala wahda fabbrikabli ai termini ta’ Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jinghata sabiex jiddikjara r-rikors tar-rikorrent datat 28 ta’ Novembru 2007 bhala null u jiffissa l-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf mitejn u tnejn u hamsin u erba centezmu Ewro (Ewro 26,252.04), bhala l-kumpens gust ghall-espropriazzjoni tal-porzjon art fuq imsemmija;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza fuq l-eccezzjoni prelimiari sollevata mill-intimat fir-risposta tieghu ghar-rikors promutur li pemrezz taghha talab li r-rikors odjern ikun dikjarat null u dan ghaliex kif propost mir-rikorrenti ma jakkludix l-ammont minnhom pretiz bhala valur gust ghal dan l-espropiju u dan skond kif ravvizat fl-artikolu 22 (6) tal-Kap 88 li jipprovdi hekk:

Meta l-persuna jkollha jedd ghall-kumpens ma taccettax li l-ammont depozitat ikun wiehed adegwat, dik il-persuna tista’ taghmel rikors quddiem il-Bord sabiex jigi stabbilit

x'ikun il-kumpens skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza. Dak ir-rikors ghandu, taht piena ta' nulllita, jindika l-kumpens li fil-fehma tar-rikorrent ikun dovut.

Illi r-rikorrenti wiegbu ghal din l-eccezzjoni billi qalu li ma hemm ebda nullita' stante li fir-rikors minnhom promoss huwa indikaw bhala kumpens minnhom pretiz tpartit ta' art li ghandu l-Gvern u ghalhekk huma tal-fehma li kien adempjenti mar-rekwiziti tal-ligi meta ddikjaraw li l-kumpens gust lilhom spettanti ghandu jkun f'forma ta' art bi tpartit lilhom mehudha;

Illi dak prospettat mir-rikorrenti huwa indubjament argument innovattiv u jista' ikun li huwa wiehed logiku mill-aspett ekonomiku u ma hemm xejn x'jipprekludi lil kull persuna li tasal fi ftehim mad-Direttur tal-Artijiet biex isir tali arrangament. Minkejja dan, l-artikolu 22(6) tal-Kap jippostula rekwizit li huwa ta' ordni pubbliku stante li jirraviza nullita f'kaz li ma jkunx segwit. L-istess artikolu ma jaghti ebda tifsira tal-kelma "kumpens" izda din tassumi forma monetarja fil-parti introduttorja tal-artikolu: "Meta l-persuna li jkollha jedd ghall-kumpens ma taccettax li l-ammont depozitat ikun wiehed adegwat" B'hekk il-kumpens li ghalih jalludi l-legislatur huwa mfisser bhala dak il-kumpens li jkun depozitat f'kont bankarju skond id-dispost tal-artikoli precedenti. Isegwi ghalhekk illi l-kumpens li r-rikorrenti ghandu jindika fir-rikors promutur ghandu jkun wiehed monetarju li fil-fehma tieghu ghandu jkun aktar minn dak depozitat. Fit-test Ingliz ma hemm l-ebda divergenza minn mat-test Malti bl-uzu tal-kelma "compensation".

Illli l-poter ta' dan il-Bord skond id-dispost tal-artikolu 25 huwa, *inter alia*, li jiffissa l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas taht id-disposizzjonijijiet ta' l-Ordinanza. Huwa manifestament car f'dan ir-rigward illi l-kumpens jista' jkun biss ta' ammont monetarju u ma hemm ebda artikolu iehor fil-Kap 88 li jaghti poter lil-Bord li jistabilixxi forma ohra ta' kumpens. B'emenda li ziedet *proviso* ghas-subartikolu (1) tal-artikolu 25 maghmula bl-Att XVII tal-2004, "l-ammont ta' kumpens li jigi determinat mill-Bord skond il-provvedimenti tal-paragrafu (e) ta' dan is-subartikolu

m’ghandux jeccedi l-oghla ammont ta’ kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet”. Minkejja li dan il-provvediment kien dikjarat kontra d-drittijiet fundamentali u senjatament kontra l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni (ara **Kumm tal-Art vs Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et. PA 27/11/2008 per Onor Mhallef Raymond C. Pace**, jibqa’ l-fatt illi l-ligi dejjem qed taghmel referenza ghall-valur monetarju u ebda haga ohra.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-intimat ghandu ragun fl-eccezzjoni tieghu u kwindi dan il-Bord qed jiddikjara null u bla effett ir-rikors promutur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------